MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2019

Rikors Revoka Numru 1176/2018LM

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 647/13 LFS, fl-ismijiet:**

**International Meats Limited (C41033)**

***vs.***

**Caxton Printshop Limited (C17080)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru, 2018 mis-soċjetà **Caxton Printshop Limited** (C41033) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà sekwestrata eżekutata"), li jgħid :

- *Illi dan ir-rikors qiegħed isir ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

- *Illi l-kumpannija sekwestranta-eżekutanta (aktar 'il quddiem imsejħa il-"kumpannija eżekutanta") ippreżentat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi nhar it-tletin (30) ta' April, 2013, liema mandat ġie akkordat dak in-nhar stess;*

- *Illi oriġinarjament dan il-mandat kien ikopri sorte ta' €85,000;*

- *Illi konsegwentement, il-kumpannija eżekutanta ppreżentat rikors ġuramentat quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **International Meats Limited – vs – Caxton Printshop Limited** (Rikors Numru 588/2013 MH) nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju, 2013 sabiex tipprova tiġġustifika l-pretensjonijiet tagħha, f'liema rikors ġuramentat il-kumpannija eżekutanta naqset milli tikkwantifika s-sorte u dan minkejja illi fil-mandat kawtelatorju minnha istitwit kien indikat sorte nett;*

- *Illi għal raġunijiet noti lill-kumpannija eżekutanta biss, is-sorte eventwalment ġie ridott għall-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u wieħed u ħamsin Euro wieħed u tmenin ċenteżmu (€55,451.81) permezz ta' nota ta' riduzzjoni ppreżentata fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili nhar l-ewwel (1) ta' Awwissu, 2013;*

- *Illi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, 2016, din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta tat is-sentenza tagħha fuq l-atti tar-rikors ġuramentat numru 588/2013 MH fejn, wara analiżi kurata tal-provi kollha miġjuba quddiemha, ċaħdet it-talbiet kollha tal-kumpannija eżekutanta bl-ispejjeż kontriha;*

- *Illi fil-ħamsa (5) ta' Frar, 2016, il-kumpannija eżekutanta kif kellha kull dritt illi tagħmel, ippreżentat rikors tal-appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-Sede Superjuri tagħha (Appell Numru 588/2013/1), liema appell għadu sal-lum ma ġiex appuntat;*

- *Illi din l-ispjega tal-perkors proċedurali rigwardanti l-kwistjoni tal-partijiet kienet neċessarja sabiex jintwera kif il-kumpannija esponenti ilha rinfaċċata b'sekwestru b'sorte illi oriġinarjament kien ta' €85,000, imbagħad ridott kif premess għal sorte ta' €55,451.81, għal diversi snin, ċioe sa mit-30 ta' April, 2013;*

- *Illi apparti illi kemm is-sekwestru u l-kawża premessi ġew intavolati unikament sabiex joħolqu preġudizzju lill-kumpannija esponenti u huma entrambi fiergħa u vessatorji, f'ħames (5) snin qatt ma ntwera milll-kumpannija eżekutanta illi mqar parti minn dan l-ammont huwa dovut mill-kumpannija esponenti. Dan joħroġ b'mod lampanti mill-konsiderazzjonijiet magħmula minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Jannar, 2016, fejn a paġni 22 sa 24 (senjatament paragrafu 6 et sequitur) joħroġ b'mod ċar in-nuqqas ta'*

*konvinzjoni tal-Qorti għal dak allegat mill-kumpannija eżekutanta, liema kunsiderazzjonijiet wassluha biex tiċħad it-talbiet kollha tal-kumpannija eżekutanta;*

- *Illi in aġġunta, l-appell interpost mill-kumpannija eżekutanta huwa biss ai finijiet ta' delungar tal-pendenza bejn il-partijiet stante illi l-karenza tal-provi u n-nuqqas ta' konkretezza tal-istess huwa ben evidenti mill-atti tal-kawża kif deċiżi minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta. Dan jingħata aktar preponderanza speċjalment illi kif inhu ben risaput, hu prinċipju assodat illi Qorti tal-Appell hija Qorti ta' reviżjoni illi ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti (ċioe l-ewwel Qorti) ma setgħetx ma kinitx żbaljata fl-apprezzament tagħha;*

- *Illi in vista tas-suespost u d-dewmien esaġerat sabiex tinqata' darba għal dejjem din il-vertenza, il-kumpannija esponenti tħoss illi jkun ekwu u ġust illi fiċ-ċirkostanzi l-kumpannija eżekutanta tagħti dawk il-garanziji msemmija mil-liġi.*

  *Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-kumpannija esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12, tordna lill-kumpannija eżekutanta sabiex tagħti, fi żmien stabbilit minn din il-Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 647/13.*

  *Bl-ispejjeż.*

Rat illi s-soċjetà intimata eżekutanta minkejja li kienet debitament notifikata, naqset milli tirrispondi għal dan ir-rikors, kif ukoll naqset milli tkun rappreżentata waqt l-udjenza tas-26 ta' April, 2019.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhud prodott mis-soċjetà rikorrenti eżekutata.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' April, 2019, fejn ir-rikors tħalla għal provvediment, li qiegħed jingħata llum.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Dan ir-rikors ġie pprezentat mis-soċjetà rikorrenti eżekutata, u dan wara li s-soċjetà intimata eżekutanta fit-30 ta' April, 2013 ipprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju sabiex tkopri sorte ta' ħamsa u tmenin elf Euro (€85,000). Dan il-mandat ta' sekwestru kien segwit minn Rikors Maħluf fl-ismijiet **International Meats Limited *vs.* Caxton Printshop Limited**[1] sabiex is-sekwestranta tipprova tiġġustifika l-pretensjonijiet tagħha, għalkemm f'dan ir-rikors maħluf ma ġie kkwantifikat l-ebda sorte. Is-sekwestrata eżekutata tispjega fir-rikors tagħha, kif dan is-sorte eventwalment ġie ridott għal ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u wieħed u ħamsin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€55,451.81), u tgħid ukoll li fil-25 ta' Jannar, 2016 ingħatat sentenza fejn din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet it-talbiet kollha tas-sekwestranta eżekutanta, għalkemm minn dik id-deċiżjoni kien ġie interpost appell. Is-soċjetà sekwestrata issa qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex in vista tal-fatt li l-pretensjonijiet tas-sekwestranta sa issa ma ġewx ippruvati bl-ebda mod, u in vista tal-fatt li s-sekwestrata ilha bl-effetti ta' dan il-mandat kawtelatorju fuqha mit-30 ta' April, 2013, ikun ġust u ekwu li s-soċjetà eżekutanta tintalab tagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta, u għad-danni u mgħax li tista' tiġi ordnata tħallas, u fin-

[1] Rikors Maħluf Numru 588/2013.

nuqqas tordna li jitneħħew l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 647/13.

Is-soċjetà intimata eżekutanta, minkejja li ġiet debitament notifikata, għażlet li ma tirrispondix għal dawn it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti eżekutata.

**Provi u riżultanzi**

Fl-udjenza tas-26 ta' April, 2019 xehed **Richard Schembri**[2] in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti eżekutata, fejn spjega li s-soċjetà intimata eżekutanta ppreżentat kawża kontra s-soċjetà rikorrenti, liema kawża din tilfet minħabba l-insuffiċjenza tal-provi mressqin minnha. Ix-xhud spjega li l-mandat ta' sekwestru inkwistjoni qiegħed jagħmilha ferm diffiċli għas-soċjetà biex topera, anki minħabba li wħud mill-klijenti tas-soċjetà rikorrenti eżekutata huma banek li qegħdin ikollhom diffikultajiet biex iħallsuha.

**Konsiderazzjonijiet legali**

L-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> "Il-Qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-Qorti,

[2] *A fol.* 24 tal-proċess.

garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta, u ta' danni u imgħax, u fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."

F'każ ta' talba *ai termini* ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, dak li l-Qorti tista' tagħmel huwa li meta tintwera kawża ġusta għal dan, tordna lill-persuna li tkun talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru sabiex tagħti garanzija xierqa li tkun tkopri l-ħlas tal-penali, danni u mgħax li jistgħu jiġu imposti u dan fi żmien stabbilit mill-Qorti, u fin-nuqqas il-Qorti tista' tordna li jitneħħa l-mandat kawtelatorju.

F'deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Zarb *vs.* Port Cottonera Ltd**[3], intqal:

"Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilità għad-danni, sakemm dan id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi."

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Darmanin *vs.* Cachia**[4], il-Qorti qalet:

"Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li fil-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ Mandat ma jitqiesx bħala "kawża tajba" għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-Artikolu 838A, il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat Kawtelatorju tkun qiegħda ġġarrab danni minħabba dan il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsa fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."

[3] 18.09.2002.
[4] P.A., 31.07.2007.

F'deċiżjoni mogħtija fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat għall-Mandat ta' Sekwestru numru 1909/12 fl-ismijiet **Noel Bonnici et *vs.* Caruana Construction Company Limited**[5], il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' tesegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha."

Il-Qorti kkonsidrat il-fatti kif esposti mis-soċjetà rikorrenti eżekutata fir-rigward tal-kawża pendenti bejn il-partijiet dwar il-mertu, f'liema proċeduri rriżulta li s-sorte kif pretiż oriġinarjament mis-soċjetà eżekutanta, tnaqqas sostanzjalment mill-istess soċjetà eżekutanta, u ċjoé mis-somma ta' ħamsa u tmenin elf Euro (€85,000) għas-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u wieħed u ħamsin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€55,451.81). Il-Qorti qieset ukoll il-fatt li din il-Qorti kif diversament preseduta għamlet evalwazzjoni tal-provi mressqa f'dawk il-proċeduri u sabet li l-pretensjonijiet tas-soċjetà eżekutanta mhumiex ġustifikati. Jirriżulta wkoll li hemm appell interpost mis-soċjetà intimata eżekutanta minn dik id-deċiżjoni. Barra minn hekk is-soċjetà intimata eżekutanta minkejja li kienet debitament notifikata bir-rikors ippreżentat mis-soċjetà rikorrenti f'din l-istanza, naqset li twieġeb għat-talba tas-soċjetà rikorrenti jew li b'xi mod tkun rappreżentata f'dawn il-proċeduri.

---

[5] P.A., 14.08.2013.

Illi jirriżulta mill-atti li s-soċjetà eżekutata ilha milquta mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inkwistjoni għal aktar minn ħames snin, bil-konsegwenzi kollha li l-effetti tal-mandat iġib miegħu fuq min qiegħed jopera negozju. M'għandniex xi ngħidu ladarba ġie intavolat appell mis-sentenza dwar il-mertu, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti titqies li ma tħalli ebda effett. Madanakollu din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi, ikun ġust u ekwu li s-soċjetà intimata eżekutanta tiġi ordnata tipprovdi garanzija xierqa fl-istess ammont tas-sorte fil-proċeduri pendenti bejn il-partijiet dwar il-mertu, u ċjoé fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u wieħed u ħamsin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€55.451.81) u dan sabiex is-soċjetà rikorrenti eżekutata tikkawtela l-pożizzjoni tagħha fl-eventwalità li s-soċjetà intimata eżekutanta tiġi ordnata tħallas xi penali, danni jew imgħax lis-soċjetà rikorrenti minħabba l-ħsara li tkun ġiet ikkawżata lilha bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru li ma jkunx ġustifikat.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tordna lis-soċjetà intimata eżekutanta International Meats Limited (C41033) tipprovdi fi żmien tliet (3) ġimgħat mil-lum garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta fuqha u għal danni u mgħax li tista' tiġi ordnata tħallas, u fin-nuqqas il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 647/13 LFS għandu jitqies li tneħħa u ma jkollux aktar effett.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mis-soċjetà intimata eżekutanta.**

Moqrija.